



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

26 ta' Ottubru 2021

Diskors minn Klaus-Heiner Lehne, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2020 tal-QEA

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit – Parlament Ewropew

26 ta' Ottubru 2021

Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Sinjura President,

Rapporteurs u Shadow Rapporteurs għall-Kwittanza,

Onorevoli Membri,

Presidenza tal-Kunsill,

Kummissarju,

Sinjuri,

Huwa l-pjaċir tiegħi li nkun hawnhekk fostkom, fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, wara l-laqgħa virtwali tas-sena li għaddiet. Miegħi qed jingħaqad il-kollega Tony Murphy li, kif tafu, huwa l-Membru tagħna responsabbli għar-Rapport Annwali kif ukoll id-Dekan tal-Awla V tal-istituzzjoni tagħna.

Il-mandat tat-Trattati tal-Qorti tal-Awdituri huwa li teżamina l-kontijiet tad-dħul u l-infiq kollu tal-Unjoni u li tipprovi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati, u dan huwa dak li ġejt nippreżentalkom hawnhekk dalgħodu, fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020.

Normalment, l-awdituri tagħna jivvjaġġaw b'mod estensiv biex iwettqu l-kontrolli fuq il-post, jiksbu dokumenti oriġinali, jintervistaw wiċċ imb wiċċ il-persunal tal-entità awditjata u jivverifikaw l-eżistenza fiżika tal-outputs ifffinanzjati mill-UE għas-728 tranżazzjoni tal-infiq li għażilna. Madankollu, minħabba l-kuntest tas-saħħa pubblika, huma ffaċċjaw restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għal ħafna xhur u kellhom iwettqu l-biċċa l-kbira mix-xogħol tagħhom permezz ta' analiżijiet mhux fuq il-post u billi intervistaw l-entitajiet awditjati mill-bogħod – u aħna rrikonoxxejna li dan jista' jżid l-hekk imsejjaħ riskju tad-detezzjoni¹. Minkejja dan, u dan huwa l-punt ewlieni, l-evidenza li ksibna ppermettiet li nikkompletaw ix-xogħol tagħna u nisiltu l-konklużjonijiet tal-awditjar meħtieġa.

X'sibna din is-sena?

Kif kien il-każ għal ħafna snin, l-opinjonijiet tagħna dwar il-**kontijiet** u d-**dħul** huma favorevoli.

F'termini ta' **nfiq**, għall-2020 komplejna nsibu li dan huwa milqut minn żball materjali. Minkejja dan, jekk neżaminaw it-tipi differenti ta' nfiq billi nagħmlu distinzjoni bejn ir-riskji relatati, aħna nosservaw li l-infiq b'**riskju baxx** kien ħieles minn żball materjali. Din il-kategorija tinkludi nfiq fejn il-benefiċjarji jridu jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, li

¹ Dan jirreferi għar-riskju li l-awditur ma jaqbadx devjazzjoni li ma tkunx ġiet ikkoreġuta mill-kontrolli interni tal-entità.

ta' sikwit ikunu sempliċi, biex ikunu intitolati għal finanzjament mill-UE, bħal pereżempju għajnuna diretta għal bdiewa, fellowships għall-istudenti jew appoġġ baġitarju lil pajjiżi terzi.

Madankollu, l-infiq b'**riskju għoli** (pereżempju, infiq fejn il-benefiċjarji jridu jippreżentaw talbiet għal spejjeż eliġibbli li jkunu ġarrbu – ta' sikwit skont regoli kumplessi) reġa' għal darb'oħra kien milqut minn żball materjali. Is-sehem ta' dan l-infiq b'**riskju għoli** żdied għal maġġoranza ċara (59 %) tal-popolazzjoni li awditjajna għall-2020, dovut l-aktar għal żieda fis-sehem tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni, u wassalna biex nadottaw – kif għamilna s-sena l-oħra – **opinjoni avversa dwar l-infiq tal-UE fl-intier tiegħu**.

L-iżbalji li l-awdituri tagħna sabu bl-aktar mod frekwenti kienu talbiet dwar spejjeż ineliġibbli, proġetti, attivitajiet jew benefiċjarji ineliġibbli, żbalji fl-akkwist pubbliku u fl-għajnuna mill-Istat, kif ukoll insuffiċjenza ta' dokumentazzjoni ta' sostenn.

Għal **Kompetittività**, aħna stmajna żball kumplessiv ta' 3,9 %. Sibna żbalji prinċipalment fl-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari l-ispejjeż għall-persunal, iddikjarati mill-SMEs.

Għal **Koeżjoni**, stmajna livell ta' żball ta' 3,5 % (diġà mnaqqas biex jieħu inkunsiderazzjoni l-korrezzjonijiet li saru qabel ma bdejna l-eżaminar tagħna). Aħna sibna li l-biċċa l-kbira mill-iżbalji kienu **proġetti u spejjeż ineliġibbli**, u eżaminajna wkoll b'attenzjoni dak li l-awtoritajiet *nazzjonali* tal-awditjar sabu qabilna, u hawnhekk l-iżbalji fl-**akkwist pubbliku** kienu sors prinċipali ta' problemi. Billi sibna żbalji addizzjonali li ma nqabdux fil-livell nazzjonali jew mill-Kummissjoni, aħna nikkonkludu li r-rati tal-iżball residwu, irrappurtati fil-livell nazzjonali, mhux dejjem ikunu affidabbli. U din mhijiex l-ewwel darba li aħna sibna dan, li jwassalna biex nikkonkludu li s-sitwazzjoni tista' titjieb: fl-erba' snin li konna qed neżaminaw l-infiq tal-perjodu 2014-2020, bejn wieħed u ieħor nofs l-infiq li eżaminajna kien inkluż f'pakketti li għalihom l-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar irrappurtaw rati tal-iżball residwu mhux affidabbli taħt it-2 %. U dan għandu effett indirett fuq l-istimi proprji tal-Kummissjoni: aħna nqisu r-rata ta' żball stmata mill-Kummissjoni bħala rata minima. Il-kollega tiegħi Tony Murphy eżamina dan il-punt fid-dettall u sa din is-sena se nipubblikaw il-konklużjonijiet tagħna f'rapport speċjali ddedikat dwar il-kwistjoni.

L-awditu li wettaqna fir-rigward ta' **Riżorsi Naturali** rriżulta f'rata ta' żball stmata ta' 2,0 % li aħna nqisu li hija *qrib il-materjalità*. F'dan il-każ hemm dikotomija reali: minn naħa waħda, il-pagamenti diretti (69 % tal-intestatura) huma ħielsa minn żbalji materjali. Min-naħa l-oħra, il-bqija tal-intestatura (il-programmi tal-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq, is-sajd, l-ambjent u l-azzjoni klimatika) irriżultat f'irregolaritajiet akbar.

Għal **Sigurtà u Ċittadinanza**, terz tal-kampjun tagħna ta' 27 tranżazzjoni kien fih żbalji, u 4 minnhom kellhom impatt fuq il-baġit. Fir-Rapport Annwali tagħna, tistgħu ssibu eżempju ta' każ bħal dan li jikkonċerna spejjeż mediċi ddikjarati b'mod eċċessiv għat-trasport ta' tagħmir protettiv mill-Asja lejn ir-Renju Unit matul l-ewwel stadju tal-pandemija tal-COVID-19 (kif tiftakru, ir-Renju Unit seta' jkompli jirċievi finanzjament mill-UE sa tmiem l-2020). L-ebda sejħa għall-offerti, rata tal-kambju ddikjarata b'mod eċċessiv, talbiet għal titjiriet li fl-aħħar mill-aħħar ġew

ikkanċellati – dan kollu ma nqabadx mill-awdituri esterni privati u mill-kontrolli proprji tad-DĠ ECHO. [Eżempju ieħor kien jikkonċerna l-finanzjament għal akkomodazzjoni, ikel u pariri lil minorenni mhux akkumpanjati, implimentat minn NGO fil-Greċja – li tħallset spiża unitarja standard għal kull minorenni. Madankollu, l-NGO ma setgħetx turi lill-awdituri tagħna li ċerti servizzi kienu fil-fatt ġew ipprovduti f’livell xieraq; barra minn hekk, xi zġhażagħ baqgħu hemm minkejja li ma kinux għadhom jikkwalifikaw bħala minorenni.] Stampa simili tfeġġ għall-Intestatura **Ewropa Globali**, fejn instabu 17-il żball kwantifikabbli fost il-75 tranżazzjoni li eżaminajna.

Għal **Amministrazzjoni**, minkejja għadd ta’ żbalji (7 żbalji kwantifikabbli minn 48 tranżazzjoni), il-livell ta’ żball kien taħt is-soll ta’ materjalità. Din hija aħbar pożittiva u dan kien il-każ għad-durata kollha tal-QFP 2014-2020. Minbarra x-xogħol tagħna relatat mad-Dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni, aħna eżaminajna wkoll 15-il proċedura ta’ akkwist għal maskri, ingwanti, detetturi tat-temperatura u tagħmir protettiv personali ieħor, li saru matul l-ewwel sena tal-pandemija tal-COVID-19, u sibna xi problemi. Huwa ċar li l-akkwist urġenti ta’ tagħmir fl-istadji bikrin tal-pandemija kien jippreżenta sfida, u aħna se nerġgħu lura għal-livell sa fejn l-istituzzjonijiet tal-UE wrew reżiljenza matul il-pandemija, f’rapport speċjali li se jiġi ppubblikat fit-tielet kwart tal-2022 mill-kollega tiegħi Marek Opiola.

Wara li koprejt id-diversi intestaturi ta’ politika, nixtieq inqajjem erba’ punti ta’ natura orizzontali.

L-ewwel nett, **fehimi approfonditi skont iż-żona ġeografika**. Ta’ sikwit titolbuna ripartizzjoni aktar preċiża tar-riżultati tal-awditjar għal kull Stat Membru. Filwaqt li l-approċċ tagħna mhuwiex imfassal biex iwassal rendikont tar-riżultati għal kull Stat Membru individwali, fl-Annessi 5.2 u 6.2 tar-Rapport tagħna nagħtu dettalji dwar l-iżbalji kwantifikati li sibna fl-oqsma tal-Koeżjoni u l-Agricoltura, *skont l-Istat Membru*. Barra minn hekk, meta nagħtu eżempji konkreti, jiġi indikat ukoll l-Istat Membru.

It-tieni, l-**irkupri**. Jekk il-Qorti ssib irregolarità, aħna ma aħniex intitolati li nistgħu nippruvaw nirkupraw fondi li jkunu tħallsu indebitament – dan huwa r-rwol tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali. Aħna nieħdu inkunsiderazzjoni l-korrezzjonijiet, fejn ikun possibbli u rilevanti, meta nkunu qed nistabbilixxu r-rata ta’ żball kumplessiva tagħna; madankollu, ammont sinifikanti ta’ dawn jikkonċerna snin preċedenti; kultant imorru lura sal-1994 – inċidentalment, is-sena li ġejt elett għall-ewwel darba bħala Membru ta’ dan il-Parlament. Din is-sena, aħna eżaminajna f’aktar dettall il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR), u sibna li dawn huma kumplessi u mhux dejjem ċari. [Ipprudvaw neżaminaw fuq xiex kienu bbażati ċ-ċifri ewlenin, iżda rriżulta li kien diffiċli ħafna li niksbu idea ċara tal-ammont ta’ nfiq irregolari li ġie kkoreġut u li, finalment, intradd lura lill-baġit tal-UE. Dawk li ġew ippreżentati bħala korrezzjonijiet u rkupri li ġew implimentati kienu jinkludu ammonti sinifikanti, li nstabu saħansitra qabel ma saru l-pagamenti jew sempliċiment ġew sostitwiti b’infq ieħor.] Din hija biss ħarsa ħafifa lejn din il-kwistjoni, u aħna se nkomplu x-xogħol tagħna permezz ta’ rapport speċjali ppjanat għas-sena 2022.

It-tielet, il-**frodi**. Il-Qorti bagħtet lill-OLAF sitt każijiet ta’ frodi suspettata li nqabdu bħala parti mill-awditi tagħna, u nfetħu investigazzjonijiet f’dawk il-każijiet kollha. Din is-sena, il-Qorti kkonkludiet ukoll ftehim mal-Uffiċċju tal-

Prosekutur Pubbliku Ewropew, u għalhekk tikkorrispondi jew ma' dan tal-aħħar jew inkella mal-UPPE, skont il-ġuriżdizzjoni rispettiva tagħhom. Aħna nkopru wkoll il-frodi f'awditi separati li jinsabu għaddejnin, pereżempju dwar il-kunflitt ta' interess fil-ġestjoni kondiviża (il-PAK u l-politika ta' koeżjoni). U l-kollega tiegħi Nikolaos Milionis qed jaħdem fuq rapport speċjali dwar il-miżuri kontra l-frodi meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri b'rabta mal-Politika Agrikola Komuni, inkluża l-kwistjoni ta' "ħtif tal-art", li għandkom tirċievu għal madwar Marzu tas-sena d-dieħla².

Nosserva wkoll b'sodisfazzjon li, ġimagħtejn ilu, l-Europol flimkien mal-korpi u l-aġenziji rilevanti kollha tal-UE kif ukoll ħafna Stati Membri nedew operazzjoni, fil-livell tal-UE, bl-isem kodifikat ta' **Sentinel**, bil-għan li jitwaqqfu t-tentattivi kriminali biex jiġi sfruttat l-NGEU. Il-Qorti tinsab lesta biex tikkontribwixxi għal din l-inizjattiva, kif xieraq.

Ir-raba', l-hekk imsejjaħ "**kont tal-Brexit**". Kif tafu, il-Qorti hija wkoll marbuta bit-Trattat biex tawditja l-kontijiet tal-UE. F'dak il-kuntest, fl-2020, aħna eżaminajna ċ-ċifri fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit – fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-Kummissjoni tistma li r-Renju Unit għandu jħallas EUR 49,6 biljun lill-UE u li l-UE għandha tħallas EUR 2,1 biljun lir-Renju Unit, li jirriżulta f'ammont nett ta' EUR 47,5 biljun pagabbli lill-UE fis-snin li ġejjin.

Sinjuri,

Dak kollox rigward is-sena 2020. Issa ppermettuli għal mument nagħti titwila lejn il-futur.

Abbażi tal-esperjenza li ksibna bil-QFP 2014-2020, aħna identifikajna għadd ta' **riskji u sfidi għall-perjodu ta' ppjanar li jmiss** li, kif tafu, jinkludi mhux biss il-QFP 2021-2027 iżda wkoll l-Istrument NextGenerationEU, li l-allokkazzjoni tiegħu tirrappreżenta kważi d-doppju tal-ammont ta' dik tal-QFP preċedenti. Mhuwix biss id-daqs tal-Istrument li jippreżenta sfida iżda wkoll it-tfassil innovattiv tiegħu. Aħna se nerġgħu lura għal **NextGenerationEU u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** fid-dettall, l-ewwel nett b'Rapport Speċjali fit-tieni kwart tas-sena d-dieħla, imħejji mill-kollega tiegħi Ivana Maletić, biex nivvalutaw il-proċess ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. B'mod usa', ir-riflessjonijiet dwar il-mod kif il-Qorti tista' tittratta l-aspetti ta' konformità u prestazzjoni tal-Istrument NGEU jinsabu għaddejnin tajjeb hawnhekk, u dan jiddependi wkoll minn ċerti deċiżjonijiet li qed jieħdu l-Kummissjoni u l-Istati Membri. Iżda ħaġa waħda hija ċara, nemmen bis-sħiħ li kemm iċ-ċittadini tagħna kif ukoll intom stess bħala r-rappreżentanti diretti tagħhom tistennew li l-iskrutinju tal-Istrument NGEU jkun **daqstant rigoruż** daqs dak tal-partijiet tradizzjonali tal-baġit. Dan huwa għalfejn il-Qorti hija grata ħafna li l-Parlament appoġġa bis-sħiħ iż-**żieda** speċifika **fil-persunal tal-awditjar** li tlabna għall-baġit 2022. Nittamaw li l-Parlament se jkompli jqis dan il-punt bħala wieħed mill-prioritajiet tiegħu matul il-konċiljazzjoni li jmiss. Dan

² Fil-kuntest tal-UE, il-"ħtif tal-art" ġie assoċjat mal-konċentrazzjoni ta' art agrikola u sussidji tal-PAK f'idejn kumpaniji u investituri kbar, speċjalment fl-Istati Membri tal-Ewropa tal-Lvant. Il-"ħtif tal-art" jista' jkun relatat ma' prattiki frodulenti, bħal koerċizzjoni, użu ta' influwenza politika jew informazzjoni privileġġjata, manipulazzjoni ta' proċeduri jew pagament ta' tixħim, u dan jirriżulta f'konċentrazzjoni ta' għajjnuna taħt il-PAK, li tista' tikkostitwixxi forma speċifika ta' attività ta' tiftix ta' redditu.

mhuwiex xi eżerċizzju ta' mmarkar tal-kaxex; fl-aħħar mill-aħħar, il-punt huwa li jkun hemm il-persunal meħtieġ biex *lilek* jipprovdilek, b'mod xieraq, għarfien u sejbiet dwar l-Istrument NGEU, li kieku ma tirċevix b'mod ieħor.

Fl-aħħar nett, nixtieq ngħid kelmtejn dwar il-**prestazzjoni**, peress li bosta Membri ta' dan il-Parlament qajmu l-kwistjoni miegħi f'dawn l-aħħar ftit jiem. Nixtieq nassigurakom li l-Qorti tal-Awdituri hija impenjata bis-sħiħ biex tawditja l-prestazzjoni tal-infiq u l-politiki tal-UE. Aħna diġà nagħmlu dan b'għadd ta' modi, inklużi l-ħafna rapporti speċjali li nwettqu u r-rapport ġenerali tagħna dwar il-prestazzjoni. Irridu nwaslulkom firxa ta' xogħol tal-awditjar li **jissodisfa l-ħtiġijiet** tal-Parlament u tal-Kunsill, billi nagħmlu użu mir-riżorsi limitati għad-dispożizzjoni tagħna. Huwa għalhekk li bi pjaċir aċċettajt is-suġġeriment eċċellenti ta' Olivier Chastel, li r-rappreżentanti tal-Qorti u tal-Kumitat CONT iqisu flimkien, b'mod informali, il-forma li tali rapport ġenerali jista' jieħu fil-prattika, lil hinn mill-input li diġà pprovdjtu lil Francois-Roger Cazala, il-kollega tiegħi li huwa responsabbli. Sinjura President, naħseb li jkun raġonevoli li dan il-grupp limitat jibda jaħdem mill-aktar fis possibbli u sa tmiem is-sena jislet il-konklużjonijiet tiegħu, biex b'hekk il-Qorti tkun tista', b'indipendenza sħiħa, tieħu inkunsiderazzjoni dawn il-konklużjonijiet meta fi Frar tas-sena d-dieħla tiffinalizza l-pożizzjoni tagħha.

Sinjura President, għeżież Membri,

Biex nikkonkludi, ma stajtx nagħtikom tort kieku kellkom l-impressjoni ta' "dèjà vu" meta mqabbel mas-sena li għaddiet, meta smajtu r-riżultati tal-awditi annwali li wettaqna din is-sena – biex nikkwota d-dramm komiku qasir magħruf sew li aħna l-Ġermaniżi nħobbu naraw f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena – "same procedure as every year". L-eżiti differenti huma tabilħaqq relattivament stabbli u l-problemi li għandhom jiġu riżolti huma wkoll relattivament ċari. Ir-regoli, kemm tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali, ta' sikwit huma kumplessi u qed inkomplu nsibu li ħafna kontrolli *ex post* mhux dejjem ikunu effettivi għalkollox. F'dan il-kuntest, aħna nosservaw bidla fil-mudell ta' implimentazzjoni. Il-pagamenti mill-Fond ta' Rkupru se jkunu bbażati fuq l-issodisfar tal-**istadji importanti u l-miri**, meta mqabbla mas-sistema attwali, li tipprevedi r-rimborż tal-ispejjeż. Naturalment, dan se jkollu impatt fuq x'jikkostitwixxi żball u jista' jimplika wkoll bidla f'dak li nsibu u nirrappurtaw. Iżda, dan għad irridu narawh fil-futur.

Din se tkun l-isfida għalina lkoll: tista' l-Unjoni, b'baġit bejn wieħed u ieħor irduppjat, tikseb riżultati effettivi u trasparenti? Jekk aħna, ilkoll fir-rwoli differenti tagħna, ma jirnexxilniex ngħaddu minn dan it-test, jekk ma nimpenjawx riżorsi amministrattivi suffiċjenti għalih fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, jekk fondi pubbliċi jinħlew jew inkella jekk inħallu irregolaritajiet jew frodi jimminaw l-irkupru tal-kontinent tagħna, mhux se jkollna opportunità oħra.

Ninsab ħerqan għad-diskussjonijiet tagħna ta' dalgħodu u, biex nidħol f'aktar dettall dwar dawn is-suġġetti kollha, nixtieq intenni x-xewqa tagħna fil-Qorti li nilqgħu, fil-Lussemburgu, lill-Membri u lill-persunal tal-Kumitat CONT mill-aktar fis possibbli s-sena d-dieħla. Għaldaqstant, nittama li nara lil kull wieħed u waħda minnkomm dalwaqt.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom.